# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 10-10

**Data: 18** ta' Ottubru 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 09.10 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Devoluzzjoni - Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet f'korrispondenza tieghu mas-Sindku ikkonferma li qieghed jitfassal id-draft tar-rezoluzzjoni Parlamentari kif mitlub minnu mill-Onor Jason Azzopardi.

**3. Korrispondenza**

3.1 MEPA- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bl-Avviz Legali l-gdid li ghandu johrog dalwaqt, f'kaz ta' struttura illegali, l-applikant l-ewwel ghandu jnehhi l-istruttura minghajr permess sabiex tkun tista tigi kkunsidrata l-applikazzjoni tieghu.

3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-toroq relatati ma Smart City, l-ewwel ser isiru, Triq Santa Liberata, Triq il-Missjoni Taljana, Triq Marina u Triq ix-Xatt imbghad wara ssir il-kostruzzjoni tat-triq minn fejn il-kunvent tal-kapuccini sa Smart City.

## 5. Tender 4/2010 – Resurfacing of roads by public private partnership

Is-Sindku pprezenta r-rakkomandazzjoni tal-bord u nforma lill-kunsilliera li fir-rapport hareg li l-orhos offerta kienet tal-Asfaltar Ltd u ta' Schembri Infrastructures. Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-bord u approva l-offerta tal-Asfaltar Co. Ltd u ta' Schembri Infrastructures bhala l-aktar wahda vantaggjuza.

## 6. Jum il-Kalkara

Il-Kunsilliera Speranza Chircop issuggeriet li jsir show tal-bizzilla u crafts fuq iz-zuntier attivita li tibda mit-08.00a.m sa nofs inhar il-Hadd 12 ta' Dicembru 2010 fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara. Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li l-Gimgha 10 ta' Dicembru ghall-attivita tat-tfal tal-iskola primarja Kalkara jigu kkuntattjati Smart City ghall-possibilita li ftit mill-istudenti jzuru Smart City bhala post interessanti fil-Kalkara.

Lista ta' Attivitajiet ghal Jum il-Kalkara
Il-Hamis 9 ta' Dicembru, il-Kunsill kollu jiltaqa mat-tfal tal-iskola primarja Kalkara.
Il-Gimgha 10 ta' Dicembru, Quddiesa ghall-istudenti tal-iskola primarja u wara t-tlugh tal-bandiera tal-Kunsill. Gurnata ta' attivitajiet ghall-istudenti. Zjarat f'postijiet ta' nteress fil-lokal.
Il-Gimgha 10 ta' Dicembru fis-18.00 jum il-premjazzjoni fis-sala tal-iskola primarja Kalkara.
Is-Sibt 11 ta' Dicembru fis-6.00 ta' filghaxija issir quddiesa ta' ringrazzjament ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara u wara isir Kuncert Muzikali fl-iskola primarja Kalkara.
Il-Hamis 16 ta' Dicembru ser issir is-serata ghall-anzjani u l-familja fis-sala parrokjali.
Il-Hadd 19 ta' Dicembru, Kuncert fil-Knisja Parrokjali mill-Chorus Urbanus fejn se tindaqq muzika li ndaqqet fil-quddiesa tal-Papa Benedittu XVI.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, l-Kappillan ser jorganizza Fiera tas-Salvatur is-Sibt 6 ta' Novembru 2010. Ghalhekk huwa ppropona sabiex il-Kunsill jghin billi jipprovdi l-arrangamenti tad-dawl. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

## 7. Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq

Is-Sindku semma li x-xoghol fuq il-mafkar tal-vittmi tal-gwerra kwazi tlesta u jonqos il-hadid, hamiem, il-kolonna u l-irhama. Is-Sindku ppropona sabiex tohrog sejha f'kull dar ghal min ghandu aktar informazzjoni dwar il-vittmi tal-gwerra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-progett tal-fanali fl-isqaqien wasal fil-final tieghu, u jonqos ix-xoghol fl-isqaq Marina nru 2.

Il-Vici Sindku Norbert Grech qal li fuq suggeriment tar-residenti, jixtieq li jitranga t-tarag tal-parti ta' isfel ta' Triq Santa Filumena. Is-Sindku qal li dan ser jitranga meta jkun qed isir ix-xoghol ghac-Centru Civiku peress li dan jehtieg li jsir bil-permessi tal-MEPA.

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 10/2010.

**9. <u>Aggornament</u>**

9.1 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:</u>

a) Staqsiet jekk il-Kunsill jistax jaghmel il-bankina ta' mad-dawra tal-binja l-gdida tal-Housing fi Triq il-Kapuccini. Is-Sindku qal li fiz-zmien li gejn ghandu laqgha mal-Awtorita tad-djar u se jiddiskuti dan il-punt maghhom.

b) Tintranga jew issir floodlight quddiem ic-centru parrokjali fi Triq Rinella.

9.2 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:</u>

a) Issuggeriet li ssir platform quddiem il-bus shelter ta' Misrah Arcisqof Gonzi sabiex it-trasport pubbliku jkun jista jersaq biex jghabbi lin-nies b'mod specjali meta tkun ix-xita. Is-Sindku qal li din l-istruttura ma tistax issir peress li il-bus shelters ma jaqghux taht ir-responsabbilta tal-Kunsill.

b) Issir jew titranga l-molla tal-grada fil-area tal-bandli.

c) Is-serata ghall-anzjani u l-familja ser issir nhar is-16 ta' Dicembru 2010.

d) Tinghata t-tifkira ta' Jum il-Kalkara lil dawk ir-residenti Kalkarizi li huma rikoverati fid-djar.

e) Diversi skips minghajr ghatu. Is-Sindku qal li ghandu jitkellem mal-Kuntrattur sabiex dan jiehu hsieb jirranghom.

Il-Laqgha giet aggornata ghat-Tnejn 22 ta' Novembru 2010 fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |